**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 12 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru: 19**

**Rikors Numru: 600/2009/JPG**

**John Baptist Sammut (Karta ta'**

**Identita Numru: 197348(M))**

**VS**

**Marina Ciarlo' (Karta ta'**

**Identita Numru: 772954 (M))**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat ta' John Baptist Sammut, datat 19 ta' Gunju 2009, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

*Illi l-intimata tablet u otteniet il-hrug ta' diversi mandati ta' sekwestru kawtelatorji intizi sabiex jikkawtelaw id-dritt taghha ghall-hlas tal-manteniment u sehma mill-kommunjoni tal-akkwisti.*

*Illi l-Mandati ta' Sekwestru li taghhom intalab il-hrug u li effetivament inhargu huma tmienja u jgibu in-numri 2797/93, 1301/94, 2706/94, 3664/95, 1255/95, 1/95, 4557/98 u 5471/99.*

*Illi komplessivament l-allegat kreditu li qieghed jigi kawtelat b'dawn il-Mandati ta' Sekwestru huma in eccess ta' sitt mitt elf liri Maltin (LM 600,000).*

*Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2006 fil-kawza fl-ismijiet: "Marina Sammut illum Ciarlo' vs John Baptist Sammut" [Citaz. Nru. 1387/1993/1] l-esponent rikorrent gie kkundannat ihallas is-somma ta' tlieta u tmenin elf liri Maltin (LM 83,000) bhala kumpens u per saldo ta' sehem martu, l-intimata f'dan ir-rikors, mill-kommunjoni ta' l-akkwisti u ukoll in soddisfazzjoni ta' kull dritt ta' manteniment li hija ghandha jew jista' jkollha kontra il-konvenut f'dik il-kawza u allura l-esponent rikorrent f'dan ir-rikors. Skond l-istess sentenza l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut f'dik il-kawza u cjoe l-esponent rikorrent f'dan ir-rikors. Kopja informali tal-imsemmija sentenza tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument X.*

*Illi nonostante din is-sentenza li stabbiliet l-ammont issa dovut mir-rikorrent lill-intimata, din ta' l-ahhar zammet il fuq imsemmija mandati ta' sekwestru Fermi sabiex illum qieghda tikkawtela ammont li bl-ispejjes u bl-imghaxxijiet ma jeccedix il-mitt elf liri Maltin (LM 100,000) b'mandati ta' sekwestru ghall-valur komplessiv in eccess ta' sitt mitt elf liri Maltin (LM 600,000).*

*Illi konsegwenza ta' dan l-esponent kellu jistitwixxi kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jitlob ir-revoka tal-imsemmija Mandati ta' Sekwestru [Rikors Numru: 03/2007 AF].*

*Illi fil-mori tas-smigh ta' din il-kawza l-intimata harget il-kontro-mandati opportuni u tablet il-hrug ta' Mandat Esekuttiv sabiex ikopri l-ammont dovut in forza tal-fuq imsemmija sentenza tas-26 ta' Mejju, 2006.*

*Illi ukoll fil-mori tal-kawza dak li kien dovut mill-esponent rikorrent skond l-imsemmija sentenza tas-26 ta' Mejju, 2006 lill-intimata thallas.*

*Illi nonostante li issa l-vertenza bejn l-esponent rikorrenti u l-intimata u li fuq l-iskorta taghha gie ottenut il-hrug tal-mandati ta' sekwestru fuq imsemmija, intemmet, l-esponent rikorrenti jhoss li l-intimata ghandha tirrisarcih tad-danni kkawzati lilu konsegwenza tal-fatt li ghal snin shah hija zammet mandati ta' sekwestru kontra tieghu ghall-ammonti ferm aktar eccessivi minn dak dovut lilha u dan barra li talbet il-hrug ta' diversi mandati ta' sekwestru ghall-istess ammont minghajr ma talbet it-thassir ta' l-mandat ta' sekwestru ottenut precedentement ghall-istess ammont. Dan kollu jindika li t-talbiet tal-intimata ghall-hrug ta' hafna mill-Mandati ta' Sekwestru fuq imsemmija saru b'malizzja u kienu vessatorji.*

*Illi in fatti konsegwenza ta' dan agir malizzjuz u vessatorju l-esponent rikorrent kellu diffikultajiet kbar sabiex jottjeni finazjamenti bankarji sabiex ikun jista' jizvolgi l-attivita' tieghu u jkabbar in-negozju tieghu u kawza ta' hekk garrab telf ta' qligh sostanzjali li sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.*

*Ghalhekk l-esponent rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

*(1) Tiddikjara lill-intimata responsabbli ta' agir malizzjuz u vessatorju meta talbet u otteniet il-hrug ta' Mandati ta' Sekwestri sabiex kollettivament jikkawtelaw ammont in access ta' dak li seta' kien dovut lilha, barra li talbet u otteniet il-hrug ta' Mandati*

*ta' Sekwestru ghall-istess ammont kawtelat b'Mandat ottenut precedentement minghajr ma talbet it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru antecedent;*

*(2) Tillikwida d-danni li l-esponent seta' garab konsegwenza tal-agir malizzjuz u vessatorju da parti tal-intimata okkorrendo dan permezz ta' periti mqabbda mill-istess Onorabbli Qorti;*

*(3) Tikkundanna lill-intimata thallas dawk id-danni likwidati skond it-talba precedent*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxxijiet kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta guramentata ta' l-intimata Marina Ciarlo' [Karta ta' L-Identita' Numru 773954M, residenti 'Carina', Madliena Road, Madliena], datata 24 ta' Lulju 2009, vide fol 29 et seq, li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, bid-dekors ta' sentejn mid-data tal-hrug tal-Mandati ta' Sekwestru kollha indikati mir-rikorrenti fir-Rikors Guramentat tieghu, kif ukoll mid-data tas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Mejju 2006 li ddeterminat definittivament l-ammont dovut lill-eccipjenti mir-rikorrenti a saldu ta' kull dritt lilha spettanti;*

2. *Illi preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi l-azzjoni esperita mir-rikorrenti hija improponibbli u bla bazi legali u fattwali, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi r-rikorrenti kien diga' intavola, permezz tar-Rikors bin-Numru 3/2007/AF fl-ismijiet John Baptist Sammut vs Marina Ciarlo', proceduri kontra l-eccipjenti fejn talba interalia l-hlas tad-danni allegatament sofferti minn bhala konsegwenza tal-hrug ta' l-istess Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji mertu ta' dawn il-proceduri odjerni, liema rikors gie cedut mill-istess rikorrenti "stante transazzjoni" (kopja tan-nota ta' cessjoni relattiva hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. MC1) wara li nhargu l-kontro mandati*

*kollha relattivament ghall-imsemmija Mandati ta' Sekwestru a spejjez tar-rikorrenti stess, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, u dan sussegwentement ghal u ai termini tal-kuntratt pubbliku datat 22 ta' Gunju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar konkluz bejn il-kontendenti (kopja hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. MC2), fejn ir-rikorrenti obbliga ruhu illi jcedi u jirtira l-proceduri kollha pendent kontra l-eccipjenti, kif effettivament kien ghamel;*

3. *Illi konsegwentement, wara t-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet u c-cessjoni tal-proceduri precedent fuq indikati (Rikors Numru 3/2007/AF), mhux permess lir-rikorrenti illi jerga' jintavola fil-konfront ta' l-eccipjenti, proceduri kontenenti l-istess talba, cioe' t-talba ghall-hlas tad-danni minnu allegatament sofferti minhabba l-hrug ta' l-istess Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji, stante li s'intendi, dawn il-proceduri odjerni gew intavolati bi ksur ta' l-obbligazzjoni assunt mir-rikorrenti kif fuq premess;*

4. *Illi fil-mertu, l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-Dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi l-hrug tal-Mandati ta' Sekwestu kawtelatorji, ghad li dawn nhargu fi zmien meta l-proceduri ghal separazzjoni personali bejn il-partijiet kienu ghadhom pendent, is-sehem ta' l-eccipjenti fil-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet kien ghadu mhux likwidat u l-manteiment stabbilit mill-Qorti kien ilu snin shah ma jithallas mir-rikorrenti, bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala agir malizzjuz jew vessatorju da parti ta' l-eccipjenti, kif allegat;*

5. *Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, u dejjem riferibbilment ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, ir-rikorrenti sabiex jirnexxi fit-talba tieghu, ghandu jgib prova konkreta illi l-eccipjenti agixxiet in malafede, b'qerq, dolo jew negligenza gravament kolpuza fil-konfront tieghu, u dan fuq l-iskorta tal-principji konsistentement enuncjati mill-Qrati taghna f'dan ir-rigward;*

6. *Illi effettivament, ghandu jirrizulta illi l-eccipjenti kienet aktar minn pienament gustifikata illi titlob il-hrug ta' Mandati ta' Sekwestru differenti in kawtela ta' l-*

*entita' tas-sehem minnha pretiz mill-komunjoni ta' l-akkwisti, li difficilment seta' jigi kkwantifikat minhabba l-manuvri u raggiri tar-rikorrenti (per ezempju zieda qarrieqa fix-sharecapital ta' kumpanniji li l-ishma taghhom kienu jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet), u ta' l-arretrati tal-manteniment li kull ma jmur dejjem kienu qed jakkumulaw minhabba nuqqas kostanti ta' l-istess rikorrenti illi jhallas l-ammonti stabbiliti mill-Qorti in linea ta' manteniment ghat-tliet uliedu minuri, u ghalhekk, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;*

7. *Illi inoltre, fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, din ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, stante illi r-rikorrenti ma soffra l-ebda danni per konsegwenza tal-hrug tal-Mandati ta' Sekwestru minnu indikati, u ghalhekk ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati kif mitlub;*

8. *Illi konsegwentement, it-tielet talba wkoll ghandha tigi michuda u l-eccipjenti ma ghandhiex tigi kkundanata thallas l-ebda danni lir-rikorrenti;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi eccepit illi taht mhux minnu li r-rikorrenti sofra xi danni minhabba l-hrug tal-Mandati ta' Sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri illi qatt ma hass il-bzonn li jitlob ir-revoka ta' dawn il-Mandati u, ex admissis, l-ewwel darba li huwa ddecieda li jutilizza r-rimedju lilu provdut mill-Ligi biex ifittex jottjeni r-revoka tal-Mandati in kwistjoni u l-hlas tad-danni konsegwenzjali a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kien fl-2007, ben erbatax-il sena wara l-hrug ta' whud mill-imsemmija Mandati, u dan permezz tar-Rikors fuq imsemmi fl-ismijiet John Baptist Sammut vs Marina Ciarlo' [Rikors Numru 3/2007/AF];*

10. *Illi jigi eccepit ulterjorment illi in kwantu r-rikorrenti seta' jagixxi bil-procedura ta' Rikors ipprezentat ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 836(9) kif del resto kien diga' ghamel in virtu' tar-Rikors bin-Numru 3/2007/AF fl-ismijiet John Baptist Sammut vs Marina Ciarlo', minflok bil-procedura tar-Rikors Guramentat kif effettivament ghamel f'dan il-kaz odjern, huwa zied l-ispejjez bla bzonn u ghalhekk, in*

*ogni caso u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;*

11. *Illi fl-ahhar lok, dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma ghandhiex, in ogni caso, tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi hija qatt ma rceviet l-ebda interpellazzjoni bi kwantifikazzjoni tad-danni pretizi mir-rikorrenti izda giet, minflok, rinfaccati bl-iktar mod spontaneju u hesrem b'dawn il-proceduri ghall-hlas tad-danni wara illi ghaddew iktar minn sentejn minn meta l-kontendenti ittransigew il-pendenzi kollha ta' bejneithom bil-kuntratt imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar tat-22 ta' Gunju 2007, liema proceduri ghandu jirrizulta illi saru frivolozament u vessatorjament u bl-intiza cara li jiddejqu lill-eccipjenti u jcahhdulha mis-serenita' li qieghda fl-ahhar tgawdi wara sittax-il sena ta' proceduri gudizzjarji mar-rikorrenti, li hafna minnhom gew istitwiti mill-istess rikorrenti bhala vendetta ingustifikata kontra l-eccipjenti, kif del resto giet istitwita wkoll din il-kawza de quo.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jitressqu skond il-ligi.*

Rat is-sentenza partzjarli, vide fol 207, kif diversament preseduta.

Rat is-sentenza tal-Appell, vide fol 23.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet ixg-xhieda bil gurament;

Rat illi l-partijiet qatt ma prezentaw n-nota tas-sottomissjonijet taghhom minkejja li inaghtaw zmien biex jaghmlu dan.

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrent John Baptist Sammut** xehed a fol 5A illi l-intimat kienet il-mara tieghu, ghalkem issa huma separati u anke divorzjati. Spjega li s-separazzjoni ma kientx wahda bonarja u kienet damet snin sabiet intemmet. Kompla illi immedjatament malli bdiet is-separazzjoni l-intimata kienet intavolat mandat wara l-iehor f'ammont li qabez Lm500,000. Zied li ghalhekk dawn l-mandati ghamlulu hsara kbira bhala bniedem tan-negozju ghaliex ma setghax jissellef, u ma setghax jaghmel garanzija peress illi l-ammont kawtelat mill-intimata kien daqshekk gholi. Xehed illi s-sentenza ta' separazzjoni inghatat fis-26 ta' Mejju 2006 u wara s-sentenza kien hallas l-ammont ordnat fis-sentenza, li bl-imghax b'kollox kien qabez Lm100,000. Kompla illi imbaghad kellu jintavola kawza sabiex jitnehhew il-mandati, pero' f'din il-kawza ma kienx hemm sentenza ghaliex kien sar arrangement bejn il-partijiet biex il-mandati jitnehhew.

**In kontro-ezami** a fol 5D – 5I ikkonferma li l-mandati in kwistjoni saru bejn is-sena 1993 u 1999 u f'dak iz-zmien m'ghamel l-ebda procedura biex jipprova jnehhihom ghaliex kien inghata parir illi sakemm ma jiddepozitax l-ammont reklamat ta' xejn jipprova jikkontestahom. Xehed illi l-mandati kienu tnehhew meta sar il-hlas minn naha tieghu. Kompla illi meta inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ma kellux il-flus d-dar biex ihallas lill-intimata u ghalhekk kellu jiehu *loan* minghand il-bank u kien ghalhekk li ghadda certu ammont ta' zmien mid-data tas-sentenza sa meta hallas. **Mistoqsi jekk kienx irnexxielu jottjeni *loan* waqt li l-proceduri ta' separazzjoni kienu pendenti peress li kien ta garanzija personali, wiegeb fl-affermattiv.**

Fil-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 id-difensur legali tar-rikorrent iddikjara illi l-***accountant* Joseph Gauci ma setghax jiddentifika u jillikwida danni specifici konsegwenza tal-lanjanzi kontenuti fir-rikors.**

**L-intimata Marina Ciarlo** xehdet permezz ta' affidavit a fol 200 – 204 illi hija kienet mizzewga lir-rikorrenti u minhabba ragunijiet fosthom vjolenza, mohqrija psikologika u infedelta kienet bdiet procedura ghas-separazzjoni fl-1993. Spjegat illi qabel izzewgu, ir-rikorrent kellu negozju zghir li kien jiggestixxi minn haunt mikri, izda waqt iz-zwieg huwa

kien fetah negozju iehor, ukoll bl-isem Craftex li fih dahhal lil huh Mark Sammut, u eventalment kienu xtraw dar f'Tigne Seafront, ghalkemm hi ma tafx fuq min inxtrat din id-dar peress illi r-ragel taghha ma kien jinvolviha f'xejn, nonostante l-fatt illi wara x-xoghol *full time* taghha kienet tmur tahdem fin-negozju ta' zewgha, u anke kienet toqghod mal-haddiema waqt ix-xoghol ta' zvilupp tal-proprjeta. Ziedet illi r-rikorrent kien fetah numru ta' kumpaniji flimkien ma familjarji tieghu, meta kien diga beda l-inkwiet bejniethom. Ziedet illi hija kienet skopriet illi minn wara darha, ir-rikorrentkien trasferixxa il-*business* kollhu ta' Craftex min fuq ismu u isem huh ghal fuq kumpanija. Kompliet illi meta fethet il-kawza ta' separazzjoni kontra zewgha saret taf illi hu ma kellu kwazi xejn fuq ismu u l-proprjeta li kienet inxtrat waqt iz-zwieg kienet kollha tghajjat lil xi kumpanija tieghu f'liema hija ma kellha l-ebda ishma. Qalet li kellha diffikolta tistabilixxi is-sehem taghha tal-proprjeta minhabba d-diversi kumpanija u strutturi ohrajn fejn kien hemm involut hu r-rikorrent u kumpaniji ohra, u filfatt waqt il-proceduri ta' separazzjoni saret taf illi r-rikorrent u huh kienu ghaddew risoluzzjoni f'wahda mill-kumpanija biex izidu s-*sharecapital* u jallokawh lil hu r-rikorrent.

Xehdet li meta kienet fethet il-kawza ta' separazzjoni, kif ukoll kawza kontra l-kumpanija, l-avukati taghha kienu tawha parir biex tintavola mandati ta' sekwestru biex ikollha garanzija li ser tithallas sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Enfasizzat illi hija ma kellha l-ebda ideja x'kien sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti minhabba r-raggiri tar-rikorrent li kien jahbi l-proprjeta wara kumpaniji fejn hi ma kelliex ishma jew partecipazzjoni diretta. **Ziedet illi l-proprjeta f'Tigne u tas-Sliema kienet tiswa hafna flus, u meta intavolat il-mandati hi kienet qieghda sempliciment issegwi l-parir moghti lilha mill-avukati taghha.**

Kompliet illi barra minn hekk, ir-rikorrent ma kienx ihallas il-manteniment skont id-digriet tal-Qorti ghat-tliet uliedhom u kellha tiehu hsieb lill-uliedhom wahedha, tant illi anke problema mal-iskola tat-tfal peress illi r-rikorrent ma kienx qed ihallas mizati u ghalhekk il-mandati intavoli kienu intizi biex ikopru mhux biss sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti izda anke l-manteniment dovut mir-rikorrent ghall-ulied.

Xehdet illi wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-partijiet kienu ftehmu tramite l-avukati taghhom li minflok il-mandati kawtelatorji tintavola mandat ta' sekwestr esekuttiv. Kompliet

illi meta hija fl-ahhar kienet thallset is-somma ordnata mill-Qorti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar hija kienet nehhiet il-mandati, inkluz dak esekuttiv.

**Finalment ziedet illi s-somma li giet iffissata mill-Qorti ma kienetx likwidazzjoni ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti izda somma illi hija kienet qablet li taccetta ghaliex ma kelliex il-mezzi biex tibqa' ghadejja bil-poceduri li kellha tintavola kontra zewgha, meta hi kienet omma bi tliet itfal zghar u kellha tipprovdi wahedha ghal ghajxien taghha u taghhom minghajr ebda ghajnuna minghand zewgha. Hija ghalhekk cahdet illi intavolat xi wiehed mill-mandati b'malafede jew negligenza.**

**In kontro-ezami** a fol 253 – 256 ikkonfermat pjenament ir-ragunijiet li tat fl-affidavit tagha ghaliex kienet intavolat il-mandati ta' sekwestru u ikkonfermat li kienet taf li kien gie intavolat iktar minn wiehed, u dawn kollha kienu saru ghar-ragunijiet msemmija minnha. Ziedet illi pero ma tiftakarx **jekk kienetx ukoll intavolat mandat ta' sekwestru meta saret taf illi zewgha kien ha *loan* ta' Lm750,000 ad insaputa taghha u ghamel garanzija b'wahda mill-proprjetajiet.** Mistoqsija ghalfejn kienet qed taghmel is-sekwestri meta kienet taf illi r-rikorrent ma kellu xejn fuq ismu, wiegbet illi meta saret taf b'dan b'konsegwenza tal-investigazzjonijiet taghha hi waqfet tintavola sekwestri.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepiet preliminarjament ukoll illi din l-azzjoni hija mproponibbli peress illi r-rikorrent kien diga intavola procedure ohra fl-istess ismijiet bin-numru 3/2007/AF fejn talab, *inter alia,* il-hlas tad-danni allegatament sofferti minnu bhala konsegwenza tal-mandati ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proceduri, **liema kawza kienet giet ceduta stante transazzjoni**, u dan sussegwentement ghal, u ai termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar.

Il-Qorti rat illi r-rikorrent kien ipprezenta Rikors Revoka Nru 3/07 CFS quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Jannar 2007, fejn ressaq is-segwenti talba:

> "*Ghaldaqstant l-esponent rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha (1) tirrevoka l-* ***Mandati ta' Sekwestru numru: 2797/93, 1301/94, 2706/94, 3664/95,***

> ***1255/95, 1/95, 4557/98 u 5471/99*** *(...) (2) tikkundannha lill-intimata Marina Ciarlo sabiex thallas penali…ghab-bazi tar-ragunijiet imsemmija fis-sub-paragrafi (c) u (d) tas-sub-artikolu 8 tal-artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili…. u (3)* ***tikkundannha lill-intimata Marina Ciarlo bhala dik li fuq talba taghha inhargu 'l fuq imsemmija Mandati ta' Sekwestri sabiex thallas dawk id-danni li l-esponent rikorrent garrab bil-hrug tal-istess Mandati ta' Sekwestri u dang hat-tenur ta' dak provdut f'sub-artikolu 9 tal- artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta****."*[1]

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti kien ipprezenta nota fl-atti tal-kawza msemmija fit-13 ta' Lulju 2007:

> *"Li permezz taghha qieghda [sic]* ***ccedi l-atti ta' din il-kawza in vista ta' transazzjoni bejn il-partijiet*** *f'din il-kawza li qablu li l-ispejjez ghandhom ikunu bla taxxa."*[2]

**Din it-transazzjoni intlahqet permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar datat 22 ta' Gunju 2007.**

Ghalhekk jirrizulta bl-iktar mod car, u indisputabbli illi l-partijiet transigew il-vertenza li kien hemm bejniethom meritu tal-kawza numru 3/2007 AF, u dan b'mod validu u konsonanti mal-ligi. Filfatt, ir-rikorrenti fl-ebda stadju ma kkontesta il-validita tat-transazzjoni msemmija mill-intimata fir-risposta guramentata taghha u lanqas ma kkontesta illi l-partijiet riedu jaghtu tmiem ghall-vertenza li kien hemm bejniethom permezz tal-kuntratt ta' Gunju 2007.

Jirrizulta wkoll illi l-mandati ta' sekwestru kawtelatorju meritu kemm ta' dik il-kawza, u kif ukoll ta' din odjerna, **huma l-istess mandati**, u ghalhekk it-transazzjoni tirrigwarda l-istess mandati ta' sekwestru meritu ta' din il-kawza.

---

[1] Fol 62 ta' Vol I
[2] Fol 196 ta' Vol I

**Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, it-transazzjoni torbot lill-partijiet daqs li kieku kienet sentenza finali moghtija mill-Qorti.** Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **Reverendu George Schembri vs Igor Moscalenko** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Gunju 2004 illi fiha l-Imhallef Sciberras irritjena:

> "…***it-transazzjoni hekk milhuqa bejn il-kontendenti f' dan il-kaz ghar-rigward tal-kontroversja ta' bejniethom "ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f'gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza" (Kollaz. Vol. XXXIV P III p 900). Mhux il-kaz ghalhekk li din l-istess transazzjoni tigi disturbata***."

Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell ezebita jirrizulta illi r-rikorrent kien abbuziv fil-konfront tal-intimata tul iz-zwieg taghhom u anke waqt il-proceduri ta' separazzjoni, tant illi l-Qorti tal-Appell irrilevat li:

> **"…*ma tistax ma tinnotax kif l-istess konvenut tul dawn il-proceduri kollha, anke bl-uzu abbuziv ta' rikors ghamel minn kollox sabiex jivvessa lill-attrici u lil uliedha u dan billi ripetutament ma hallasx manteniment pendente lite - u l-kawza kollha attrici hija proprju mibnija fuq ix-xehha tal-konvenut maghha u wkoll bil-mod kif ried irendiha suggetta f'kollox ghalih anke permezz ta' vjolenza domestika li kienet tinvolvi kemm mohqrija fizika u wkoll psikologika… l-agir tal-konvenut f'din il-kawza juri u jindika kif l-istess konvenut kien mohhu sabiex jaghmel kollox difficli lill-attrici u sabiex irendilha hajjitha mizerabbli…*" –(vide fol 62 volum 2, tal-atti processwali.)**

Il-Qorti twissi illi hija m'hijiex ser taccetta illi tintuza bhala arma minn konjugi abbuziv sabiex ikompli jkasbar u jivvessa lill-martu u jaghmlilha hajjitha mizerabbli anke wara x-xolljiment ta' zwieg taghhom. Huwa pjenament car illi r-rikorrent kien intransiga minghajr riservi l-kawza numru 3/2007 f'Lulju 2007, **f'liema kawza kien ukoll talab hlas ghad-danni allegatament sofferti minhabba l-mandati kawtelatorji intavolati mill-intimata**, u dan wara li kien obbliga ruhhu li jaghmel hekk f'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Herbert

Cassar, u ghalhekk issa huwa prekluz milli jintavola proceduri ohra fejn jitlob l-istess, u dan ai termini tal-gurisprudenza hawn fuq citata, galadarba it-transazzjoni ta' bejn il-partijiet ghandha l-effett ta' sentenza *res judicata.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimata u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

L-ispejjez kollha ghandhom ikun a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**